

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0039(COD)

6318/22
ADD 1

ESPACE 12	MI 117
RECH 90	CSC 45
COMPET 100	CSCGNSS 1
IND 43	CFSP/PESC 172
EU-GNSS 6	CSDP/PSDC 72
TRANS 86	CODEC 168
AVIATION 31	IA 14
MAR 25	CADREFIN 16
TELECOM 59	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 57 final
Suġġett:	ANNES tal- PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 57 final.

Mehmuż: COM(2022) 57 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 15.2.2022
COM(2022) 57 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

{SEC(2022) 77 final} - {SWD(2022) 30 final} - {SWD(2022) 31 final}

ANNEX

INDIKATURI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-PROGRAMM

Il-Programm se jiġi mmonitorjat mill-qrib abbażi ta' sett ta' indikaturi maħsuba biex ikejlu kemm ikunu nkisbu l-oġġettivi speċifiċi tal-Programm u bil-ħsieb li jiġu mminimizzati l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi. Għal dak l-għan, se tinġabar *data* fir-rigward tas-sett ta' indikaturi ewlenin li ġejjin:

L-indikaturi jenħtieġ li jkunu marbuta mal-oġġettivi speċifiċi, iżda sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' koerenza, dawn ma għandhomx jiġu repetuti.

Objettiv speċifiku 1: It-titjib tar-reżiljenza tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni billi tiġi żviluppata, tinbena u tiġi operata infrastruttura ta' konnettività multi-orbitali, adattata kontinwament għall-evoluzzjoni tad-domanda għall-komunikazzjoni bis-satellita, filwaqt li jitqiesu l-assi eżistenti u futuri tal-Istati Membri użati fil-qafas tal-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696.

Indikatur 1: Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaċċessaw sett inizjali ta' servizzi governattivi fl-2025, b'kapaċità sħiħa fl-2027

Indikatur 2: Id-disponibbiltà tas-servizz

Indikatur 3: L-integrazzjoni sħiħa tal-kapaċità eżistenti mir-riżerva tal-Unjoni permezz tal-integrazzjoni tal-infrastruttura fuq l-art ta' GOVSATCOM

Indikatur 4: L-għadd annwali ta' qtugħ kbir fin-networks tat-telekomunikazzjoni fl-Istati Membri mmitigat mis-sistema ta' konnettività sigura

Indikatur 5: Is-sodisfazzjon tal-utent bil-prestazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura

Objettiv speċifiku 2: Kontribuzzjoni għar-reżiljenza ċibernetika permezz ta' difiża proattiva u reattiva kontra t-theddid ċibernetiku u elettromanjetiku u ċ-ċibersigurtà operattiva, u l-integrazzjoni tas-segment spazjali u tas-segment terrestri relatat tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika biex tkun tista' ssir trażmissjoni sigura ta' kjavi kriptografiċi

Indikatur 1: Is-sistema tikseb akkreditazzjoni ta' sigurtà li tippermetti lis-servizzi jittrażmettu Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) sa ċertu livell ta' klassifikazzjoni u l-informazzjoni klassifikata nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ta' livell ta' klassifikazzjoni ekwivalenti, skont il-prinċipji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2013/488/UE) dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-IKUE

Indikatur 2: L-integrazzjoni tal-infrastruttura spazjali EuroQCI bbażata fuq l-aktar soluzzjoni teknika xierqa

Objettiv speċifiku 3: It-titjib u l-espansjoni tal-kapaċitajiet u tas-servizzi ta' komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni

Indikatur 1: L-għadd ta' tagħbijiet utli li jservu komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni

Objettiv speċifiku 4: Jiġi iċċentivat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela, b'mod partikolari billi tiġi ingranata l-industrija ta' Spazju Ġdid.

Indikatur 1: L-għadd ta' negozji ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-infrastruttura

Objettiv speċifiku 5: Jiġi permess l-iżvilupp ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività bla xkiel fl-Unjoni kollha, filwaqt li jiġu eliminati ż-żoni mingħajr konnessjoni u tiżdied il-koeżjoni bejn it-territorji tal-Istati Membri, u tiġi permessa l-konnettività fiż-żoni ġeografiki ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni.

Indikatur 1: Il-veloċità tal-broadband kummerċjali bis-satellita

Indikatur 2: L-għadd ta' utenti potenzjali ġodda tal-komunikazzjoni kummerċjali bis-satellita fiż-żoni rurali tal-UE u fiż-żoni ġeografiki ta' interess strateġiku